

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10952/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/1477 (NLE)

ECOFIN 877
UEM 296
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Bulgarija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Bulgarija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet li saru mill-Bulgarija,

Billi:

- (1) L-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) huwa bbażat fuq l-oġettiv ta' finanza pubbliċi sodi u sostenibbli bħala mezz biex isaħħaħ il-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv mirfud mill-istabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni għal tkabbir u impjegi sostenibbli.
- (3) Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv skont l-Artikolu 126 TFUE, kif iċċarata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv¹, li tagħmel parti mill-PST, tipprevedi deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE, jistabbilixxi aktar dispożizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009² jistipula regoli u definizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30>) kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 April 2024 (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/479/2014-09-01>) kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 fir-rigward tar-referenzi għas-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 69, 8.3.2014).

- (4) Skont l-Artikolu 126(5) TFUE, jekk il-Kummissjoni tqis li jeżisti jew jista' jinholq defiċit eċċessiv fi Stat Membru, għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat u għandha tinforma lill-Kunsill kif xieraq. Wara li qieset ir-rapport tagħha adottat skont l-Artikolu 126(3) TFUE u filwaqt li qieset l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju adottat skont l-Artikolu 126(4) TFUE, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti defiċit eċċessiv fil-Bulgarija. Għalhekk, fil-25 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni indirizzat tali opinjoni lill-Bulgarija u infurmat lill-Kunsill kif xieraq.³
- (5) L-Artikolu 126(6) TFUE jipprevedi li l-Kunsill għandu jqis kwalunkwe osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jesprimi qabel ma jieħu deċiżjoni wara valutazzjoni ġenerali, dwar jekk jeżistix defiċit eċċessiv. Fil-każ tal-Bulgarija, il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet stabbiliti hawn taħt.

³ Id-dokumenti kollha marbuta mal-PDE għall-Bulgarija jinsabu hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/bulgaria_en.

- (6) Skont id-data pprovduta mill-Eurostat fit-22 ta' April 2026⁴, fl-2025 id-defiċit tal-gvern estiż fil-Bulgarija laħaq 3,5 % tal-PDG. Filwaqt li l-Bulgarija ma rrapportatx defiċit ippjanat għall-2026 lill-Eurostat, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni pprojetta defiċit tal-2026 għall-Bulgarija ta' 4,1 % tal-PDG.⁵ Id-defiċit attwali tal-gvern fl-2025 u d-defiċit ipprojetat għall-2026 huma oġġla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG u mhux qribu, u d-defiċits li jaqbeż l-valur referenzjarju tat-Trattat mhum iex meqjusa temporanji. Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-gvern estiż huwa pprojetat li jkompli jaqbeż it-3 % tal-PDG fl-2027. Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill attiva l-klawżola liberatorja nazzjonali biex jiffaċilita żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Bulgarija, matul il-perjodu 2025–2028⁶. Abbażi ta' dan, ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 126(3) TFUE qies li d-defiċit li jaqbeż il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2025 huwa eċċezzjonali, peress li dan jista' jiġi spjegat bis-sħiħ minn żieda fl-infiq fid-difiża mis-sena ta' referenza 2024, filwaqt li dan mhuwiex il-każ għad-defiċit ipprojetat li jaqbeż il-valur referenzjarju għall-2026.
- (7) Skont id-data pprovduta mill-Eurostat fit-22 ta' April 2026⁷, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 29,9 % tal-PDG fl-2025, li huwa taħt il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG. B'hekk, huwa ssodisfat il-kriterju tad-dejn fit-Trattat.

⁴ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' April 2026 (<https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-22042026-ap>), f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009.

⁵ It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (European Economy-Institutional Paper 341, Mejju 2026)

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti lill-Bulgarija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali) (ĠU C, C/2025/3961, 20.8.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3961/oj>).

⁷ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' April 2026 (<https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-22042026-bp>), f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009.

- (8) F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 126(3) TFUE, il-Kummissjoni analizzat ukoll il-fatturi rilevanti kollha fir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) TFUE. Kif stipulat fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, kull meta l-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG ma jaqbiżx il-valur referenzjarju, jitqiesu l-fatturi rilevanti fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv abbażi tal-kriterju tad-defiċit.
- (9) B'mod ġenerali, il-fatturi rilevanti eżaminati fir-rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE huma vvalutati bħala aggravanti għall-Bulgarija. B'mod ġenerali, meta jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha kif xieraq u, b'mod partikolari, billi d-defiċit qed jiżdied għal ferm aktar minn 3 % tal-PDG fl-2026, il-kriterju tad-defiċit, kif definit mit-Trattat u mir-Regolament (KE) Nru 1467/97, mhuwiex issodisfat.
- (10) L-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 1467/97 jistabbilixxi li, jekk tiġi attivata klawżola liberatorja nazzjonali, il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu jiddeċiedu li ma jilħqux konklużjoni rigward l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv.⁸ Madankollu, peress li d-defiċit ipprojetat li jaqbeż il-valur referenzjarju għall-2026 ma jistax jiġi spjegat bis-sħiħ minn żieda fin-nefqa fid-difiża mis-sena ta' referenza tal-2024 (ara l-premessa 6), ma japplikax l-Artikolu 2(5).

⁸ F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final, jekk tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali għall-infiq fid-difiża, il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu jiddeċiedu li ma jilħqux konklużjoni rigward l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'każ ta' eċċess tad-defiċit li jaqbeż 3 % tal-PDG, meta dan ikun dovut għal żieda fin-nefqa fid-difiża.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li jeżisti defiċit eċċessiv fil-Bulgarija minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
